**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-11 ta' Diċembru 2012 — Ntouvas vs ECDC**

**(Kawża F-107/11)** [1]

***(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2010 — Talba għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni)***

(2013/C 46/60)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ioannis Ntouvas (Sundbyberg, l-Isvezja) (rappreżentant: E. Mylonas, avukat)

*Konvenuta:* Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) (rappreżentanti: R. Trott, aġent, D. Waelbroeck, avukat)

**Suġġett**

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *I. Ntouvas għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u Kontroll tal-Mard.*

[1] ĠU C 25, 28.01.2012, p. 69

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-23 ta' Ottubru 2012 — Possanzini vs Frontex**

**(Kawża F-61/11)** [1]

***(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Proċedura li tikkonċerna t-tiġdid ta' kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju — Komunikazzjoni lill-membru tal-persunal temporanju dwar l-opinjoni negattiva tal-evalwatur fir-rigward tat-tiġdid tal-kuntratt — Att li jikkawża preġudizzju — Assenza — Talba għall-annullament ta' osservazzjonijiet sfavorevoli dwar il-prestazzjoni li jinsabu fir-rapporti annwali ta' evalwazzjoni — Rikors manifestament inammissibbli)***

(2013/C 46/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Daniele Possanzini (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex) (rappreżentanti: S. Vuorensola u H. Caniard, aġenti, D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

**Suġġett**

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiġi rrevokata d-deċiżjoni li jiġġedded il-kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju tar-rikorrent u parti mir-rapporti ta' evalwazzjoni tiegħu li jkopru l-perijodu minn Awwissu 2006 sa Diċembru 2009.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

(2) *D. Possanzini għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.*

[1] ĠU C 226, 30.07.2011, p. 32

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-23 ta' Novembru 2012 — Vacarescu vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-122/11)**

***(Servizz pubbliku — Tardività — Ammissibbiltà manifesta)***

(2013/C 46/62)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Dragos-Lucian Vacarescu (Brussel, il-Belġju) (rappreżentant: R.-C. Radu, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Servizz pubbliku — It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tagħtix lir-rikorrent l-allowances ta' kuljum li kellu dritt għalihom skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *D.-L. Vacarescu għandu jbatil-ispejjeż tiegħu.*